ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tas-sebgħa u sebgħin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

Is-77 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia u l-Membri s-Sinjuri Norman Clews u Joseph Agius.

Iċ-*Chairperson* u s-Sur Nicholas Azzopardi talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa peress illi kienu indisposti. Fuq proposta tal-Viċi-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kumitat qabel unanimament illi s-Sur Bartolo u s-Sur Azzopardi jkunu skużati milli jattendi għal-laqgħa.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-76 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Adrian Vassallo, Uffiċjal tal-Maltapost, fejn il-Kumitat ġie nfurmat illi l-kumpanija ma kienetx qed tilqa' t-talba biex issir kaxxa tal-ittri ġdida f'St Peter u dan peress illi skont l-obligazzjonijiet tas-servizz postali universali, f'St Peter hemm diġa aktar kaxxi tal-ittri milli suppost hemm skont dawn l-obligazzjonijiet.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għas-sena 2016 li tammonta għal €71,218.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA dwar applikazzjoni għal tibdil fl-alinjament ta' bini fi Triq iż-Żarżarell.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Il-Kumitat Amministrattiv tkellem dwar l-Estimi Annwali għas-sena 2016 u qabel li fil-laqgħa li jmiss jiġi approvat abbozz biex jitressaq lill-pubbliku fil-laqgħa annwali biex wara jiġi finalizzat.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Dwar il-manutenzjoni tal-bankina u l-art fi Triq San Leonardu, is-Segretarju nforma lill-Kumitat li dan ix-xogħol ser jinbeda fil-ġranet li ġejjin.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00 ta' filgħaxija

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-77 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 11 ta' Frar 2016.

Luciano Farrugia
*Viċi-Chairperson*